# STORJA DEMOGRAFIKA TA' ĦAL LUQA FIL-QOSOR

Id-demografija hi x-xjenza li għandha x'taqsam mal-popolazzjonijiet umani. Id-demografu jgħarbel kull statistika marbuta ma' l-għadd tan-nies, inkluż distribuzzjoni, mard, twelid, imwiet u l-bqija. Hu jeżamina l-fatturi u ċ-ċirkostanzi kollha għala l-popolazzjoni ta' pajjiż tista' tiżdied jew tonqos. Għalhekk id-demografija għandha rabtiet kemm ma' l-istorja kif ukoll mas-soċjoloġija u l-antropoloġija.

L-eqdem ħjiel demografiku fuq Ħal Luqa jmur lura sas-snin 1419-20, f'dokument medjevali li jelenka l-irġiel mir-raħal u minn Ħal Farruġ li kienu msejħin sabiex jagħtu servizz fid-Dejma. Fil-lista jidhru l-ismijiet ta' 27 ruħ li kienu jitqiesu tajbin għat-taqbid. Issa l-istoriku ewlieni fuq dan il-perjodu, il-Prof. Godfrey Wettinger, isostni li għal kull raġel f'din il-lista, f'Malta kien hemm mal-ħames persuni oħra bejn xjuħ, nisa u tfal. Dan ifisser li f'Ħal Luqa u f'Ħal Farruġ flimkien kien hawn madwar 135 ruħ jew ftit aktar. (Sa dak iż-żmien ir-raħal kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birmiftuħ).

Matul is-seklu ħmistax, meta Malta kienet kolonja Spanjola, il-popolazzjoni tar-raħal ma tantx setgħet kibret wisq, u dan għal diversi raġunijiet. Il-gżira kienet vulnerabbli għall-attakki tal-kursara Misilmin li minn żmien għal żmien kienu jinżlu l-art, jeqirdu kulma jsibu u saħansitra jkaxkru lil min jaqa' f'idejhom fil-jasar. Hekk ġara per eżempju fil-ħbit qawwi mmexxi mill-Kajd Ridavan fl-1429 li ħalla ħerba sħiħa warajh. Imbagħad kien hemm il-mard u n-nuqqas ta' ilma li kienu pjaga kontinwa għan-nies tal-kampanja. Insemmu fost l-oħrajn il-pesta ta' l-1453 u n-nixfa kbira ta' l-1473. F'dawn iċ-ċirkostanzi tassew imwiegħra, Ħal Luqa ma kellux ċans jieħu r-ruħ, u kien biss wara l-1485 li beda jidher xi ftit titjib fil-kwalità tal-ħajja.

Wara l-miġja tal-Kavallieri fl-1530, il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa bdiet tiela' mhux ħażin, almenu sa' l-Assedju ta' l-1565. Bdew jaslu nies minn inħawi oħra ta' Malta, aktarx biex ikunu eqreb lejn il-port kif ukoll minn barra li ġew ifittxu xortihom ma' l-Ordni. Nafu wkoll b'xi nies tat-tajjeb li ġew joqogħdu hawn mill-Imdina biex jinnegozjaw ir-raba' u jrabbu l-annimali.

It-tifrik li ħallew it-Torok fil-kampanja tul l-Assedju mess lil Ħal Luqa wkoll u bilfors ħalla xi effetti demografiċi; madankollu, ma jidhirx li mietu ħafna Ħal Luqin tul il-ġlied. M'għandniex statistika preċiża rigward il-popolazzjoni tar-raħal tul is-seklu sittax. L-uniku ħjiel dokumentat juri li fl-1575 kien hawn madwar 130 dar. Nafu wkoll li bejn l-1568 tgħammdu mat-33 tarbija fis-sena.

Fl-ewwel snin tas-seklu sbatax, il-ħajja f'Ħal Luqa tidher li bdiet sejra għall-aħjar; żdied ix-xogħol u kibret il-popolazzjoni, mhux biss mit-twelid imma wkoll b'nies barranin li ġew joqogħdu r-raħal. Fl-1614, il-Gudja, Ħal Luqa u Ħal Farruġ flimkien kellhom 1280 ruħ. Ir-rapport tal-vista pastorali fit-22 ta' Frar, 1618 jgħid li fir-raħal kein hawn 200 dar b'popolazzjoni ta' madwar 800. Iċ-ċensiment li sar fl-1632, imbagħad jagħti ċ-ċifra ta' elf Ħal Luqi. Dan in-numru tela' għal 1195 fl-1647. Il-preżenza tal-Kavallieri jidher li għenet mhux ftit biex jitjieb il-livell ta' l-għajxien. Ħafna nies mir-raħal kienu jsibu xogħol fil-proġetti tal-bini; oħrajn daħlu jbaħħru mal-flotta ta' l-Ordni. It-theddida tat-Torok u l-kursari Misilmin ma baqgħetx daqstant evidenti u t-trankwillità fil-kampanja tat spinta lill-biedja.

Madankollu għal mitt sena wara, il-popolazzjoni baqgħet, bejn wieħed u ieħor l-istess, ftit iżjed minn elf. Ibda biex, l-aħħar snin ta' l-Ordni f'Malta kienu mimlija tbatija u sfattu ekonomiku. Jista' jkun ukoll li kien hemm ċaqliq demografiku kostanti mill-irħula għall-

ibliet ta' madwar il-port, it-tokk tal-kummerċ u s-snajja. Il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa bdiet tmajna wara l-1760 hekk li sa l-1776, ir-raħal kien jgħodd biss madwar 994 u sal-1807 ma kienx fadal aktar minn 836 ruħ - l-anqas għadd ta' nies li qatt kien hawn sa mill-1630. Nafu wkoll li fl-1778 kien hawn 261 dar, twieldu 22 u mietu 22, ċifri li jikkonfermaw li l-popolazzjoni, jekk ma kinetx qed tonqos, almenu kienet bejn wieħed u ieħor stabbli.

Minħabba li fir-raħal naqas ix-xogħol, ħafna familji telqu minn Ħal Luqa biex jaqilgħu x'jieklu fl-ibliet jew f'irħula oħra. L-Isqof Labini, f'vista pastorali li għamel fl-1801, jirrimarka dwar l-għaks li kien waqa' fir-raħal. Il-ġuħ u l-miżerja li ġabu magħhom is-sentejn ta' l-okkupazzjoni Franċiża ma jistgħux jiġu injorati lanqas. (Hu kkalkulat li tul l-imblokk tilfu ħajjithom kwart ta' l-abitanti tal-ġżira). L-għadd ta' nies fir-raħal beda jikber fit-tieni deċennju tal-ħakma Ingliża; hekk li fl-1812 insibu popolazzjoni ta' 1121.

Matul is-seklu dsatax, ir-raħal kellu ħafna tlajja' u nżul. Minn ta' lanqas intlaqat ħames darbiet mill-mard: il-pesta fl-1813, il-ġidri fl-1830, u l-kolera fl-1837, 1850, 1865, u 1887. Dawn is-sitt epidemji ħallew ħafna vittmi u rażżnu t-tkattir tal-popolazzjoni. Min-naħa l-oħra kien hemm żminijiet ta' ġid li minnhom gawda kulħadd, partikolarment fil-ħamsinijiet u fis-sittinijiet, minħabba l-Gwerra tal-Krimea u l-Gwerra Ċivili Amerikana li biddlu 'l Malta f'ċentru ta' kummerċ. Madankollu, fis-sebgħinijiet, reġa' waqa' l-għaks u l-opportunitajiet għosfru.

Fl-1871, il-popolazzjoni ta' Ħal Luqa kienet tlaħħaq 1728, ċifra li turi żieda ta' aktar minn 600 ruħ f'temp ta' sittin sena. L-Ingliżi bil-mod il-mod bdew jintroduċu xi servizzi soċjali li għenu biex itaffu l-miżerja. Xi Ħal Luqin ukoll sabu xogħol fit-Tarzna jew fis-Servizz Ċivili, iżda l-parti l-kbira ta' l-irġiel baqgħu fix-xogħol tal-biedja jew tal-bini.

Fl-1901, il-popolazzjoni tar-raħal kienet tlaħħaq 2566 (b'574 dar) u kompliet tikber għal 2831 fl-1911 u 3607 fl-1921. Madankollu, in-nuqqas ta' xogħol baqa'pjaga kbira, hekk li ħafna Ħal Luqin telqu jfittxu xortihom barra minn Malta. Id-destin ta' l-oħrajn bqa' jitbandal ma' l-opportunitajiet li kienet toffri l-qagħda politika fil-Mediterran u l-manuvri tal-Gvern kolonjali.

Matul il-gwerra mietu b'kollox 42 ruħ waqt l-attakki ta' l-għadu filwaqt li hu kkalkulat li ma 80% tad-djar iġġarrfu jew intlaqtu mill-bombi. Ir-rikostruzzjoni ta' wara l-gwerra damet sejra għal ħafna snin, iżda llum Ħal Luqa għandu dehra ta' raħal modern, mogħni bil-kumditajiet kollha li ġab miegħu l-progress. It-titjib ġenerali fl-edukazzjoni u fil-livell ta' l-għajxien komplew saħħew l-istrutturi soċjali tiegħu. Fl-1961 diġà kellu popolazzjoni ta' 4140 li baqa' tiela' għal 5413 fl-1967.

L-aħħar ċensiment dokumentat li sar f'Malta kien dak ta' l-1985 li kien sewwa sew l-erbatax-il ċensiment uffiċjali fuq skala nazzjonali mill-1842 'l hawn. F'Novembru ta' dik is-sena, Ħal Luqa kellu popolazzjoni ta' 5585 ruħ (li jinkludu r-residenti ta' l-Isptar Saint Vincent de Paule). Din iċ-ċifra tindika li fi żmien tmintax-il sena l-għadd ta' nies fir-raħal żdied biss bi 3.18% li relattivament mhijiex sostanzjali. Fil-fatt skond kif josserva Andrè Zammit fl-artiklu *"The Hierarchy of Maltese Towns"* (Hyphen Vol.VI No. 4, pp. 191-96) skond dik li tissejjaħ ir-*Rank Size Rule*, Ħal Luqa tilef seba' postijiet fil-ġerarkija ta' l-ibliet u l-irħula Maltin f'nofs seklu. Skond il-kobor tal-popolazzjoni, ir-raħal kien jokkupa d-dsatax-il post fl-1931, l-għoxrin post fl-1957 u s-sitta u għoxrin post fl-1985. Dan ifisser li wara l-gwerra, Ħal Luqa ma żammx il-pass ma' mkejjen oħra li komplew joktru b'rati aktar mgħaġġla. Dan aktarx ġara minħabba l-fatt li l-maġġoranza tal-Ħal Luqin (speċjalment dawk li jaqbdu linja professjonali) jitilqu minn hawn hekk kif jiżżewġu. Jekk din it-tendenza negattiva baqgħetx għaddejja nistgħu nkunu nafuh meta jiġu ppubblikati r-riżultati taċ-ċensiment li sar ftit snin ilu. Meta jkolli l-materjal kollu f'idejja nispera li nikteb artiklu ieħor biex infassal profil demografiku aġġornat tar-raħal.

**Mario Cassar**